A.L. 208 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Fakulta' tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jisssejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) – B.A. (Hons) (Tourism Studies) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li għandhom il-Higher Diploma in Hospitality and Tourism Management mogħtija mill-Institute of Tourism Studies (Malta), jew xi kwalifika ekwivalenti, jistgħu jidħlu fit-Tieni Sena tal-Kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 kredtu, inkluża taqsima studju li tkopri esej twil sorveljat ta' madwar 8,000 kelma.

(2) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord ikun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju, sakemm li l-programmi ta' studju għandhom ikunu mfassla b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors, li jkollhom dan il-piż:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	15%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	65%

It-Tħassir

7. L-Ordinamenti tal-2006 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) – B.A. (Tourism Studies) – u Bachelor of Arts (Honours)(Tourism Studies) – B.A.(Hons)(Tourism Studies), ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 23 tal-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2009, iżda l-istudenti rreġistrati għal dawn il-korsijiet qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.